



Brussell, 14 ta' Jannar 2020  
(OR. en)

**15079/19**

---

**Fajl Interistituzzjonal:**  
**2019/0045 (NLE)**

---

**AVIATION 253  
RELEX 1161  
COREE 14**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

---

## **DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...**

**ta'...**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim  
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea  
dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Ġunju 2003 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi rigward is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim fil-livell tal-Unjoni.
- (2) Il-Kummissjoni nnegożjat, f'isem l-Unjoni, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim"). In-negożjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fit-12 ta' Novembru 2008.
- (3) Fil-31 ta' Marzu 2009 il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim ("id-deċiżjoni tal-2009"). Madankollu, minħabba fin-nuqqas ta' ħeġġa mir-Repubblika tal-Korea, il-Ftehim ma ġie issa.
- (4) Fl-2018 ir-Repubblika tal-Korea esprimiet interess ġdid fl-iffirmar u fil-konklużjoni tal-Ftehim. Billi għadd ta' ftehimiet bilaterali ġodda dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-istati Membri u r-Repubblika tal-Korea ġew inizjalati jew iffirmati mid-Deċiżjoni tal-2009 'i hawn, il-Ftehim ġie aġġornat. Għaldaqstant, hija meħtieġa deċiżjoni ġdida tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim.
- (5) L-għan tal-Ftehim huwa li l-ftehimiet bilaterali dwar servizzi tal-ajru bejn 22 Stat Membru u r-Repubblika tal-Korea jiġu jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni.
- (6) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim f'isem l-Unjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru huwa b'dan awtorizzat , soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim<sup>1\*</sup>.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa għall-li jiffirmar il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

\* Delegazzjonijiet: ara id-dokument ST 15802/19.